



TAGĦRIF

Louis Fenech

# L-Istatwa tas-Salvatur u l-bidu tal-istatwarju fil-gżejjer Maltin

Din is-sena taħbat il-150 sena minn meta Karlu Darmanin ħadem l-istatwa tas-Salvatur, l-Isla fejn kien joqgħod. Karlu, jew kif kien magħruf Karlozzu, kien ġej minn familja marmista ta' fama. Iżda huwa ma kompliex bħal ħutu, fuq l-irħam, iżda għażel li jaħdem fuq il-kartapesta. Ix-xogħlijiet tiegħu li huma bosta juruk il-kapaċita` li kellu dan il-bniedem, speċjalment fil-kwantita` ta' vari li għamel, kemm titulari kif ukoll dawk tal-Ġimgħa l-Kbira. Biex issir l-istatwa tas-Salvatur kien ingħażel Karluzzu. Ħejja abbozz b'sitt figuri —li jinsab fil-mużew tal-parroċċa, u dak tal-istatwa li naraw illum, għaliex l-oħra kienet tkun ħafna tqila biex tinġarr proċessjonalment. L-abbozz tal-istatwa (aktarx fuq disinn tal-pittur Giuseppe Calleja) ġie kkummissjonat fil-25 ta' Jannar tal-1863, u kif kien isir dak iż-żmien, l-Isqof Gaetano Pace Forno ħareġ id-digriet biex setgħet issir l-istatwa bi tliet figuri, dak ta' Ġesu`, Mose` u Elija. Kien Antonio Mallia, negozjant u Michele Attard, ħaddiem fil-ġebel, li kkummissjonaw ix-xogħol tal-istatwa. Dan ix-xogħol kellu jitlesta tas-15 ta' Lulju, 1864. Il-ħlas, li kien jinkludi 25 lira sterlina għal xogħol fuq il-pedestal u l-bradella; 25 lira sterlina bħala kapparra ta' xogħol fuq l-istatwa, u l-kumplament ta' 50 lira sterlina meta kollox ikun lest u aċċettat minn Antonio Mallia u Mechele Attard. Il-kuntratt kien sar għand in-Nutar A



*L-ewwel abbozz b'sitt figuri li ma kienx aċċettat mħabba t-toqol u l-wisa' tal-bieb*

Frendo Micallef, fil-25 ta' Frar 1863, u xhieda ta' dan il-kuntratt kienu Antonio Pisani u Giuseppe Aloisio it-tnejn minn Ħal Lija.

Wieħed jista' jikkonkludi li l-vara tas-Salvatur kienet il-bidu ta' Karluzzu kemm fil-popolarita` kif ukoll fix-xogħol apprezzat tiegħu. Sena wara, fl-1878, sawwar il-vara ta' San Leonardu ta' Ħal Kirkop u l-Madonna ta' Lourdes tal-Qrendi. Dawn barra numru konsiderevoli ta' statwi ta' qaddisin li jintramaw fil-festi matul it-toroq tal-irħula u l-bliet tagħna, kif ukoll l-istatwi tal-Ġimgħa l-Kbira.



Karluzzu fejn ix-xogħlijiet tiegħu

*IL-BIDU TAL-ISTATWI TITULARI.*

Wieħed jistaqsi kif u meta beda dan ta' statwar fil-knejjes Maltin u Għawdxin. Kif wieħed jista' jixhed, id-devozzjoni u l-kult lejn il-Madonna u l-qaddisin, f'purċissjonijiet ilhom magħna. U mhux għalkemm tgħid li trażżan ċerta tradizzjoni li ilha magħna mijiet ta' snin. Dan għandu marbut miegħu qima lejn ikoni reliġjużi, devozzjoni li tmur lura s-snin u qima lejn il-Madonna u l-qaddisin. Dan il-kult kellu prinċipalment skop wieħed. Li dawn il-qaddisin, b'riferenza speċjali lejn il-Madonna, li jinterċedu għalina quddiem il-Ħallieq f'mumenti ta' għawġ personali jew nazzjonali; jew b'ringrazzjament lejn il-qaddisin talli l-poplu Malti jkun ħeles b'wiċċ il-ġid mill-pesta li tkun laqtet lill-gżejjer Maltin u Għawdxin.

Wieħed irid iżomm f'moħħu li l-ħajja ta' missierijietna li kienet ferm differenti minn ta' llum. Ħajja li kienet maqsuma f'xogħol minn x'ħin jisbaħ sa ma jidlam. Ma kien hemm xejn xi jtellef u jaljena minn ħajja aktar ta' ġabra lejn il-familja u l-knisja. Television, cinema u discoes ma kienux jeżistu. Għalhekk il-festa titulari kienet tkun okkażjoni ta' ferħ u



devozzjoni, u mhux ta' briju u xalar li naraw f'dawn iż-żminijiet. Kienet tkun okkażjoni meta n-nies tar-raħal jifirlu flimkien bħal aħwa. Dawn il-festi kienu jsiru mingħajr ħruġ ta' statwi titulari. Kienet issir il-festa liturġika b'aktar solennita', talb ta' devozzjoni lejn il-Madonna jew il-qaddis, u wara l-purċissjoni b'radd ta' ħajr lil Alla jew lil xi qaddis għal xi grazza li kienet inqalgħet.

Skond riċerka li saret minn Simon Mercieca, l-ewwel statwa u purċissjoni saret bl-istatwa ta' San Nikola - qaddis Biżantin - fis-Siġġiewi. Din id-devozzjoni seta' ġaba miegħu xi Sqalli, jew anke xi Malti li kien żar Sqallija. Infatti wieħed jista' jattribwixxi kemm dan l-istatwar u l-festi lill-ġirien Sqallin, minn fejn ħadna jew ikkupjajna ħafna tradizzjonijiet. Issa d-devozzjoni lejn San Nikola inbdiet f'Myra, belt fit-Turkija, għaliex San Nikola kien minn hemm. Fl-1087 il-fdalijiet ta' dan il-qaddis inġarru minn Myra għal Bari, fl-Italja, fejn inbniet knisja. Illum dawn il-fdalijiet jinsabu fi-kripta tal-bażilika dedikata lil dan il-qaddis.

L-istatwa ta' San Nikola fir-raħal tas-Siġġiewi kienet saret minn Natalizio Mallia fl-1657 u minn hemm bdiet toħroġ proċessjonalment fil-festa liturġika tagħha. Ma' din l-istatwa Mons Vincent Borg jgħidilna li kien hemm l-istatwa ta' Santu Rokku fil-Birgu li t-tnejn huma l-ewwel statwi ta' qaddisin ta' devozzjoni li huma marbuta ma' ringrazzjament lil Alla wara li l-Maltin jkunu skansaw minn xi għawġ, bħalma huma l-kolera u l-pesta. U għalhekk kif għidna aktar 'l fuq, il-festi kienu aktar devozzjonali ta' ġabra u ta' ringrazzjament mingħajr brijju ta' xejn..

Wieħed irid ikun konxju mill-faqar tal-Maltin f'dawn iż-żminijiet. U għalkemm kienu nbnew ħafna knejjes kbar mill-ġenerożita' tal-poplu Malti fl-irħula, statwi titulari ftit li xejn kien hawn. Nistgħu għalhekk ngħidu li l-bidu tas-seklu XVII kien li ta bidu għall-purċissjonijiet, bil-Bambina ta' l-Isla kif ukoll San Pawl fil-Belt Valletta, l-istatwa minquxa fl-injam minn Melchiore Gafa`, ikunu minn ta' l-ewwel. Imbagħad naraw li s-seklu XIX kien il-bidu ta' ħafna statwi titulari, għalkemm l-istatwi ta' San Ġorġ ta' Ħal Qormi tnaqxet minn Pietru Felice fl-1741, wara li kien naqqax ukoll l-istatwa ta' San Nikola tas-Siġġiewi fl-1736. Din ħadet post l-ewwel waħda li kienet saret fl-1657. Hekk ukoll naraw lil Vin-

cenzo Dimech inaqqax l-istatwa ta' Santa Marija tal-Gudja fl-1807, u Marjanu Gerada dik ta' Ħal Għaxaq sena wara, fl-1808. L-istatwa tal-Madonna tal-Grazzja ta' Ħaż Żabbar kienet diġa` lesta fl-1797 qabel ma saret dik ta' Ħal Għaxaq. U raħal wara l-ieħor beda jsebbaħ il-knejjes sbieħ tagħna bi statwi titulari il-ġmiel tagħhom, minn diversi statwarji famużi ta' dawk iż-żminijiet. Hemm ukoll fejn irħula għandhom żewġ statwi, bit-tieni waħda jkollha l-festa sekondarja tagħha, kif ukoll il-briju li jġibu magħhom dawn il-festi. Ma rridux ninsew li kien hemm ħafna rħula oħra li impurtaw l-istatwa titulari minn Franza u Spanja, u anke mill-Italja. Fost dawn nistgħu insemmu lil Santa Marija ta' Ħ'Attard, S. Pietru ta' Birżebbuġia, tal-Karmnu tal-Fgura, il-Bambina tan-Naxxar, xogħol fl-injam li nġiebet minn Ruma. U tant oħrajn li huma kemm tal-kina kif ukoll xogħol fl-injam.

## IL-KUNTRATT

Issa nteressanti wieħed jinnota, li qabel ma l-iskultur jibda jaħdem fuq kull statwa partikulari, kienet issir il-kitba – kif kienu jgħidu. Wara li jingħażel l-iskultur, kien l-ewwel isir id-diskors u ftehim, fejn l-iskultur jagħmel xi abbozz jew abbozzi tal-istatwa kif mixtieq min-nies tar-raħal. Wara li dan jingħoġob il-partijiet kienu jmorru għand nutar, fejn kien isir il-kuntratt. Ħafna drabi dawn l-istatwi titular kienu jkunu kummissjonati minn nies ta' xi pożizzjoni u anke benestanti li jkunu lesti joħorġu flus għax ikunu devoti, jew anke minħabba xi wegħda li jkunu għamlu. Fil-kuntratt kien jitniżżlu d-dettalji kollha kemm ta'l-għamla tal-istatwa, il-materjal li jrid intuża, il-ħlas li għandu jsir, kif ukoll iż-żmien li l-iskultur irid jieħu biex ilesti din l-istatwa. U naturalment, barra l-partijiet involuti, kienu ikun hemm ix-xhieda. U wara jibda x-xogħol fuq l-istatwa. Tajjeb li wieħed ikun jaf, li meta jitlesta x-xogħol kollu li jkun imwiegħed li jsir skont ix-xewqa ta' min ikun ikkummissjona l-istatwa, jerġa jsir kuntratt ieħor, fejn il-parijiet jiddikjaraw li jkunu kuntenti bix-xogħol imwettaq kif mixtieq u kif ukoll li l-iskultur kien tħallas dak kollu dovut lejh.

■